DAWRA KULTURALI MAL-PORT IL-KBIR (4)

JOSEPH SERRACINO



Fort Rikażli

Kif nafu, fuq iż-żewġ naħat tal-bajja ramlija tal-Irnella għandna żewġ siti storiċi importanti ħafna li jfakkruna f'żewġ epoki ta' ħakmiet differenti: il-Fort Rikażli, li jfakkarna fil-ħakma tal-kavallieri, u l-Isptar ta' Bighi li minkejja li jfakkarna fiż-żmien l-Ingliżi, ismu huwa marbut storikament ma' kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann.

U llum se nitkellmu proprju fuq dawn iż-żewġ siti li jiddominaw iż-żewġ naħat ta' din bajja.

IL-FORTI RIKAŻLI

Ċertament li l-Forti Rikażli, li nbena ħafna snin wara l-Assedju l-Kbir u li l-iskop li nbena kien biex tissaħħaħ id-difiża tal-Port il-Kbir, għandu storja kbira marbuta mal-ġrajjiet kollha li seħħew f'pajjiżna fl-aħħar snin tal-Kavallieri, żmien il-Franċiżi kif ukoll matul il-ħakma Ingliża.

Fiż-żmien l-Assedju l-Kbir (1565) fuq dan is-sit, it-Torok kienu bnew batterija qawwija biex jattakkaw lill-Forti Sant'Iermu kif ukoll biex jisfrattaw kull tentattiv ta' xi għajnuna li setgħet tasal minn Sqallija u tipprova tidħol fil-port biex tgħin lill-kavallieri.

Fuq il-ponta ta' dan il-ħanek art fejn wara ġie mibni l-forti majjestuż ta' Rikażli kien jeżisti torri żgħir magħruf bħala Torre Orsi (1566) fuq disinn ta' Bartilmew Genga. Antikament dan il-post kien jissejjaħ, jew aktar magħruf, bħala tal-Forok għax kien proprju l-post fejn kienet tingħata l-piena talmewt bit-tgħalliq.

Kien proprju fl-1531, fiż-żmien il-Gran Mastru L'Isle Adam li nbnew dawn il-forok, u jingħad li l-ġustizzjati kienu jitħallew imdendlin mal-forok bħala twiddiba għal dawk kollha li jikkonfoffaw kontra t-tmexxija tal-Ordni.

U la qegħdin insemmu dawn il-forok, tajjeb li wieħed ifakkar lill-qarrejja tagħna li aktarx li l-ewwel persuni li ġew issentenzjati għat-tgħalliq fuqhom kienu Kara Saun Rais u Kara Mustafa b'għaxar ilsiera magħhom. Dawn kienu l-imħuħ wara komplott biex f'nhar l-Imnarja, meta l-Gran Mastru u l-kavallieri jkunu l-Imdina, jirvellaw u joqtlu l-Insara.

Sintendi, matul iż-żmien, sakemm il-forok baqgħu jeżistu f'dik ix-xaqliba, ħafna kienu dawk li ġew issentenzjati għat-tgħallieq fuqhom, anke xi Maltin (rinegati) li minn Insara qalbu għal Musulmani.

Il-Forti Rikażli nbena fl-1670 fuq pjanta tal-inġinier Valperga wara donazzjoni ġeneruża ta' 20,000 skud mill-kavallier Fra Giovanni Francesco Ricasoli li wara ssemma għalih. Fl-1698 inbiet kappella ddedikata lil San Nikola biex isir il-quddies għas-suldati li minn żmien għall-ieħor kienu jkunu stazzjonati f'dan il-forti.

Matul il-ħakma tal-kavallieri saru diversi modifikazzjonijiet fil-fortifikazzjoni tiegħu kif ukoll titjib f'dawk li huma batteriji ta' kanuni għad-difiża u l-ħarsin aħjar tal-Port il-Kbir.

Fl-aħħar snin tal-Ordni f'Malta, il-patrijott Malti Mikiel Anton Vassalli kien ġie ssentenzjat għal għomru l-ħabs f'dan il-forti, iżda ftit xhur qabel il-wasla tal-Franċiżi f'Malta (1798), tħarrab minnu bl-għajnuna ta' xi ħbieb u salpa lejn Franza. Fiż-żmien l-imblokk, it-truppi Franċiżi baqgħu jiddefendu dan il-forti b'ħila kbira kontra l-attakki kontinwi tal-Maltin u l-Ingliżi minn diversi batteriji fosthom dik ta' Santu Rokku, peress li kienu jafu li dan il-forti kien jikkontrolla d-daħla tal-Port u kien ta' difiża għall-Belt Valletta.

Finalment iżda l-Franċiżi kellhom iċedu l-armi u dan il-forti waqa' f'idejn il-Maltin.

Fl-ewwel snin tal-ħakma Ingliża fostna, fiż-żmien il-Gvernatur Bouverie, dan il-forti (1837) serva bħala sptar meta skoppjat il-kolera u jingħad li fih kienu mietu madwar 400 pazjent u difnuhom f'għalqa ftit metri 'l bogħod minnu u li snin wara saret ċimiterju llum magħruf bħala ċ-Ċimiterju ta' Wied Għammieq. Il-Forti Rikażli kien attiv ħafna fit-Tieni Gwerra Dinjija u fis-26 ta' Lulju 1941, il-kanuni tiegħu ħarbtu l-attakk tat-Taljani fuq il-Port il-Kbir.

Wara l-gwerra, bejn 1947 u l-1958, dan il-forti ġie kkummissjonat mill-Ammiraljat Ingliż bħala HMS Ricasoli u kien jintuża bħala barracks Navali. Wara snin ta' abbandun, fis-Snin 70, kien hemm il-ħsieb li dan il-forti jinbidel f'park kulturali, iżda dan il-ħsieb ma rnexxiex. Matul l-1999, f'dan il-forti storiku nbena s-sett tal-film epiku "Gladiator" li skont l-esperti ċinematografiċi ġie deskritt bħala wieħed millisbaħ films għal dik is-sena bi prospetti kbar li jirbaħ għadd ta' Oscars. U kif nafu, wara dan il-film inħadmu oħrajn li kisbu suċċess ...

L-ISPTAR TA' BIGHI

Qabel ma nidħlu fid-daħla tal-Kalkara, fuq l-għolja magħrufa bħala tas-Salvatur, insibu l-bini potenti tal-Isptar ta' Bighi.

Dan l-isptar ġie mibni għall-ħtiġijiet tal-Flotta Ingliża fuq is-sit fejn qabel kien mibni l-palazz tal-Kavallier Giovanni Bighi, li kien jiġi n-neputi tal-inkwiżitur Fabio Ghigi u li wara kien sar Papa u ħa l-isem ta' Alessandru VII.

Lapida ta' tifkira ta' dan il-Papa nsibuha inġastata mal-ħajt tal-knisja tal-Lunzjata tal-Birgu aħna u deħlin fiha mill-bieb iż-żgħir tagħha. Dan il-palazz kien inbena fl-1675 fuq pjanta ta' Lorenzo Gafa. Sfortunatament il-kavallier Giovanni Bighi laħaq miet qabel ma l-palazz tlesta għalkollox. Kien hemm żmien ukoll meta dan il-palazz (illum Villa Bighi) kien magħruf bħala Palazzo Salvatore u dan l-isem jidher li ħadu peress li kien mibni fuq l-Għolja tas-Salvatur.

Jingħad li mal-wasla tal-Ingliżi fostna, Lord Nelson kien ħareġ bl-idea li din il-villa kbira fid-daħla tal-Port tinbidel fi sptar navali. Fl-1827 beda jintuża bħala sptar proviżorju u tliet snin wara, il-Perit Sebastiano ġie kkummissjonat biex iħejji l-pjanti biex ikabbruh meta nfetaħ uffiċjalment fid-29 ta' Settembru 1830. Dan l-isptar, li qam is-somma ta' £20,000 kellu mitejn sodda. Matul l-Ewwel Gwerra Dinjija l-isptar akkomoda numru kbir ta' feruti mill-gwerra tad-Dardanelli.

Fit-Tieni Gwerra Dinjija, diversi partijiet tal-isptar intlaqtu bil-bombi, fosthom it-teatru tal-*X-rays* ...

L-Isptar Bighi ngħalaq fis-17 ta' Settembru 1970. Fissnin ta' wara, parti minnu ntużat bħala skola tas-snajja'. Preżentament dan il-bini qed jintuża bħala Ċentru tar-Restawr u Ċentru tax-Xjenza. Interessanti huwa l-fatt, li meta fl-1830 kien qiegħed isir ix-xogħol ta' tħaffir ta' trinek bħala preparamenti għall-pedamenti ta' dan l-Isptar Navali, kienu nstabu żewġ kolonni Eġizzjani, li sfortunatament illum jinsabu f'mużew fl-Ingilterra ...

Ikompli f'ħarġa oħra

L-Isptar ta' Bighi